MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 94/2005

**Avviz numru 94/05DM**

**Master Distributors Limited (C-2837)**
**Vs**
**Crown Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti, solidament u indivasament bejniethom sabiex ihallsu s-somma ta’ elfejn, seba’ mija u disgha u tletin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm2,739.72) rappresentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil Crown Hotels Limited f’diversi dati matul is-sena 2004 kif jidher mill-istatement anness ma’ l-Avviz u mmarkat Dok A, ghall-hlas ta’ liema debitu Ronald Azzopardi jinsab solidament responsabbli ma’ Crown Hotels Limited ai termini ta’ skrittura datata 2 ta’ Marzu 2004 kopk]ja ta’ liema annessa ma’ l-Avviz u mmarkata Dok B.

Bl-ispejjez tal-presenti, ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Dicembru 2004, u bl-imghax legali mit-18 ta' Gunju 2004 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jidhru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti Crown Hotels Limited u Ronald Azzopardi solidament u ndivizament bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, seba' mija, disgha u tletin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm2,739.72) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Gunju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------